

Brussell, 6 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10883/26

LIMITE

CORLX 650
CFSP/PESC 956
CONOP 43

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għal żona ħielsa mill-armi ta' qerda
massiva fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) f'ambjent ta' sigurtà reġjonali
dinamiku

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**b'appoġġ għal żona ħielsa mill-armi ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani
(ŻĦAQM LN) f'ambjent ta' sigurtà reġjonali dinamiku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà;

Billi:

- (1) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 kif ukoll l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea tal-2003 kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) huma bbażati fuq il-konvinzjoni li approċċ multilaterali għas-sigurtà, inkluż id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, jipprovdi l-aħjar mod biex tinżamm l-ordni internazzjonali.
- (2) Il-politika tal-Unjoni għalhekk hi li tappoġġa, timplimenta u ssaħħa l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-trattati, l-ftehimiet u n-normi eżistenti dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u li tikkoopera ma' pajjiżi terzi u tassistihom fit-twettiq tal-obbligi tagħhom taħt konvenzjonijiet u reġimi multilaterali.
- (3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Pariġi għall-Mediterran tat-13 ta' Lulju 2008, li stabbilixxiet l-Unjoni għall-Mediterran, affermat mill-ġdid l-aspirazzjoni komuni li tinkiseb il-paċi kif ukoll is-sigurtà reġjonali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja tas-27 u t-28 ta' Novembru 1995, fost l-oħrajn billi jaderixxu mat-Trattati u l-Konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-AQM, kif ukoll b'arranġamenti reġjonali, bħal żoni ħielsa mill-armi nukleari.
- (4) Il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (TNP) tal-2010 enfasizzat l-importanza ta' proċess li jwassal għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tagħha tal-1995 dwar il-Lvant Nofsani (ir-"Riżoluzzjoni tal-1995"). Għal dak il-għan, il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-2010 approvat passi prattiċi, fost l-oħrajn, il-konsiderazzjoni tal-offerti kollha immirati lejn l-appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-1995, inkluż l-offerta tal-Unjoni biex tospita seminar ta' segwitu relatat ma' dak organizzat f'Ġunju 2008.


- (5) Il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-2010 għarfet ukoll ir-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili fil-kontribut għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-1995 u ħeġġet l-isforzi kollha f'dak ir-rigward.
- (6) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm intitolata "Niżguraw il-Futur Komuni Tagħna" ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti wiegħed li jaħdem mal-Istati Membri tan-NU biex iż-żoni ħielsa mill-armi nukleari jissaħħu u jiġu kkonsolidati, inkluż bl-appoġġ ta' aktar stabbiliment ta' tali żoni, inkluż fil-Lvant Nofsani. Dawn l-intenzjonijiet ġew enfasizzati aktar fil-Patt tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Futur, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 ta' Settembru 2024, fejn l-Istati Membri tan-NU iddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jsaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz, fost l-oħrajn, tal-insewiment ta' żoni ħielsa mill-armi nukleari.
- (7) L-Unjoni esprimiet kontinwament ir-rieda tagħha li tassisti fil-proċess li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-AQM fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) billi tappoġġa proċessi biex tissaħħaħ il-fiduċja, b'mod partikolari permezz ta' seminars u sessjonijiet ta' ħidma tal-Unjoni bħal dawk li saru fl-2008, l-2011 u l-2012, kif ukoll permezz ta' proġetti appoġġati mill-Unjoni mill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR) dwar miżuri għat-tiġid tal-fiduċja li jwasslu għall-istabbiliment ta' tali żona, skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2019/938¹ u (PESK) 2023/1306².

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/938 tas-6 ta' Ġunju 2019 b'appoġġ għal proċess ta' tiġid tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 63, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/938/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1306 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għal proġett dwar żona ħielsa mill-armi ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) f'ambjent ta' sigurtà reġjonali li qed jevolvi (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 70, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1306/oj>).

- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tappoġġa proċess li jwassal għal ŻĦAQM LN billi tkompli tappoġġa l-ħidma mill-UNIDIR għal dak l-għan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

1. Għall-fini tal-avvanz tal-impenn tal-Unjoni li tistabbilixxi ŻĦAQM LN, l-Unjoni għandha tappoġġa proġett mill-UNIDIR bl-oġettivi ġenerali li ġejjin:
 - assistenza fil-mitigazzjoni tax-xejriet reġjonali tal-proliferazzjoni tal-AQM;
 - inkoraġġiment ta' arranġamenti ta' sigurtà reġjonali u normi u proċessi għall-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm;
 - żvilupp ta' fehim aktar fil-fond tar-relazzjoni bejn iż-ŻĦAQM LN u l-iżviluppi reġjonali u internazzjonali attwali; u
 - promozzjoni ta' ŻĦAQM LN effettiva, verifikabbli, inklużiva u sostenibbli.
2. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fid-Dokument ta' Proġett fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett msemmi fl-Artikolu 1(1) għandha ssir mill-UNIDIR, li għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNIDIR.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun ta' EUR 2 000 001.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri u applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa msemija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hi għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjonijiet mal-UNIDIR. Dak il-ftehim għandu jistipula li l-UNIDIR għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim ta' kontribuzzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dak il-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti narrattivi kull 12-il xahar imhejjjin mill-UNIDIR. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni li titwettaq mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż sa dakinhar.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
